MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 204/2005/1

**Joseph Cachia**

**v.**

**Korporazzjoni ENEMALTA**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni mressqa quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2005, l-attur talab li l-Qorti ssib lill-korporazzjoni mħarrka ħatja tad-danni li huwa ġarrab

meta temmet bla raġuni tajba t-tender li kien ingħata biex jikrilha makkinarju u inġenji; talab li jkunu likwidati l-imsemmija danni; u talab li l-korporazzjoni mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża;

B'nota mressqa fit-22 ta' Marzu, 2005, l-korporazzjoni mħarrka laqgħet għat-talbiet tal-attur billi qalet li hija kellha kull jedd skond il-kuntratt li ttemm il-ħatra mogħtija minnha lill-attur u li l-attur ma ġarrab l-ebda dannu minħabba dik it-terminazzjoni;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2007 meta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur billi "intwera li l-Korporazzjoni mharrka kellha raguni tajba biex ittemm l-appalt moghti lill-attur" u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni għal danni minħabba tħassir ta' kuntratt ta' appalt li l-attur kien ingħata wara sejħa għall-offerti (*tender*). L-attur jgħid li, meta mqabbad u fiż-żmien li jgħid il-kuntratt, tela' għax-xogħol mitlub u ma tħalliex jaħdem. Jgħid li t-temm tal-kuntratt sar bla raġuni tajba u issa jrid jitħallas tad-danni li ġarrab minħabba t-temm qabel waqtu tal-kuntratt;

"Illi, min-naħa tagħha, il-korporazzjoni mħarrka tisħaq li kellha kull jedd ittemm il-kuntratt għaliex l-attur naqas li jħares il-kundizzjonijiet miftehma. Tgħid li dan in-nuqqas seħħ għaliex l-attur naqas li jippreżenta ruħu għax-xogħol fil-jum u fil-post mitlub lilu;

"Illi l-<u>fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti</u> juru li fil-11 ta' Frar, 2004, il-Korporazzjoni Enemalta ħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet għall-kiri ta' gafef u trakkijiet[1]. Is-sejħa kienet tagħlaq fit-12 ta' Frar, 2004, u l-attur ressaq l-offerta tiegħu fil-11 ta' Frar, 2004[2], bil-prezzijiet ikkwotati għal kull siegħa u bit-tagħrif dwar l-inġenji li kien qiegħed

[1] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 17 tal-proċess
[2] Paġġ. 18-9 tal-proċess

jipproponi li jaħdem bihom. Fl-20 ta' Lulju tal-2004[3], it-taqsima tal-ingaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni bagħtet tgħarraf lill-attur li l-offerta tiegħu kienet intlaqgħet. Fil-25 ta' Awissu, 2004[4], l-attur bagħat jgħarraf lill-Korporazzjoni li kien aċċetta l-ittra li biha l-Korporazzjoni kienet laqgħet l-offerta tiegħu. Il-kuntratt kien maħsub li jkun jiswa għal żmien ta' ħames (5) snin li jiġġeddu kull tnejn u ħamsin (52) ġimgħa minn dak inhar li ngħata[5];

"Illi b'ittra li ġġib id-data tal-1 ta' Settembru, 2004[6], l-attur intalab li jipprovdi s-servizz tal-inġenji fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa minn dak inhar għat-tneħħija ta' materjal minn taqsima tal-Power Station tal-Marsa. L-ittra tikkonferma l-ordni li kienet ingħatat lill-attur b'telefonata lejliet. L-attur ma laħaq wettaq l-ebda xogħol taħt il-kuntratt li ngħata. L-attur jgħid li ma tħalliex jagħmel ix-xogħol li tqabbad jagħmel u jżid li dak inhar, minfloku u għall-istess xogħol, il-Korporazzjoni mħarrka qabbdet lil ħaddieħor. Il-Korporazzjoni tgħid li kien l-attur li naqas li jersaq għax-xogħol meta ssejjaħ jagħmel dan. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-2005;

"Illi <u>l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jintrabtu mal-każ</u> iridu jsiru fid-dawl tal-kwestjoni tal-jedd li parti ttemm kuntratt minħabba li tallega l-inadempiment tal-parti l-oħra. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratt intemm qabel waqtu (mhux hekk biss, imma jidher li lanqas biss beda jitwettaq) u li kienet il-Korporazzjoni mħarrka li temmitu. Imma filwaqt li l-Korporazzjoni mħarrka tgħid li kellha kull raġun li ttemm il-kuntratt (minħabba n-nuqqas tal-attur li jwettaq dak li ntrabat bih), l-attur jgħid li kien minkejja fih li ma tħalliex jaħdem u li tqabbad kuntrattur ieħor minfloku għall-istess xogħol;

"Illi lanqas ma jidher li hemm kwestjoni dwar in-natura tal-kuntratt involut. Iż-żewġ partijiet jagħrfu li dan kien kuntratt ta' appalt. Bil-liġi huwa mogħti l-jedd lill-appaltant li, x'ħin irid, itemm il-ħatra mogħtija minnu lill-appaltatur,

---

[3] Dok "A", f'paġġ. 5-6 tal-proċess
[4] Dok "JC1", f'paġ. 33 tal-proċess
[5] Klawsola 2.1.1. f'paġ. 13 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġ. 25 tal-proċess

ukoll jekk dan ikun beda jwettaq ix-xogħlijiet miftehma[7]. Minbarra dan, l-avviż li l-appaltant jagħti, b'kull meżż li jkun, lill-appaltatur bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt iġib minnufih ilħall tal-appalt bla ħtieġa ta' ebda awtorita' jew konferma minn xi qorti[8]. Imma l-liġi tagħraf bejn twaqqif tal-appaltatur għal raġuni tajba u twaqqif bla raġuni tajba: dan l-għarfien jikkonsisti fl-għamla ta' kumpens differenti li l-appaltant ikun irid jagħti lill-appaltatur imwaqqaf. Għalhekk, il-liġi trid li jekk l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni tajba, l-appaltant irid iħallsu tax-xogħol li jkun laħaq tlesta u tal-ispejjeż għax-xiri tal-materjal, wara li jittieħed qies tal-ħsara li jkun ġarrab il-ġid tal-appaltant qabel ġie mwaqqaf ix-xogħol[9]. Jekk, min-naħa l-oħra, l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni li mhix tajba, l-liġi trid li l-appaltatur jitħallas kemm tax-xogħol li jkun laħaq ta, kif ukoll tal-ispejjeż kollha li jkun nefaq, magħduda magħhom somma meqjusa mill-Qorti, liema somma ma tkunx akbar mill-qligħ li l-appaltatur kien jirreġistra kieku tħalla jtemm l-appalt[10];

"Illi dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-appaltant. Il-

"Korporazzjoni mħarrka tgħid li waqqfet lill-attur mill-effetti tal-kuntratt għaliex tgħid li ma beda jwettaq qatt dak li qabbditu jagħmel;

"Illi huwa prinċipju legali applikat ukoll li jekk kemm-il darba l-appaltant minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-appaltant ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li

[7] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[8] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[9] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[10] Art. 1640(2) tal-Kap 16

hija bil-liġi[11] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[12];

"Illi fil-każ tal-lum, il-patti miftehma bejn l-attur u l-Korporazzjoni kienu fil-fatt jaħsbu għal żewġ ċirkostanzi ta' temm tal-kuntratt bħala patti riżolutivi. L-ewwel ċirkostanza, li tinsab fil-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti[13], kienet tikkontempla l-każ fejn l-appaltatur/kuntrattur jonqos li jagħti xogħol tajjeb. It-tieni ċirkostanza, li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kull appaltatur li jkun ingħata "ittra ta' aċċettazzjoni" wara sejħa għall-offerti, titkellem dwar temm tal-kuntratt għal xogħol li ma jitwettaqx b'mod effiċjenti jew fil-ħin jew jitwettaq b'dewmien jew ma jitwettaq xejn[14]. F'tal-ewwel, id-deċiżjoni – wara li l-kuntrattur jingħata twissija bil-miktub u l-opportunita' li jirranġa x-xogħol ħażin – tittieħed mill-perit inkarigat mix-xogħlijiet. F'tat-tieni, d-deċiżjoni tittieħed miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni. Fiż-żewġ każijiet, is-sanzjoni aħħarija hija t-temm tal-kuntratt tal-appalt;

"Illi regola legali oħra hi li l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh li ħaddieħor itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom[15] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;

"Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma

[11] Art. 1068 tal-Kap 16
[12] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***
[13] Kundizzjoni 2.5.3 f'paġ. 16 tal-proċess
[14] Klawsola 18, f'paġ. 22 tal-proċess
[15] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***

jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[16];

"Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta' xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-appaltant biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal dan[17];

"Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-appaltant ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[18]. Fil-każ preżenti, jirriżulta li l-attur ma laħaq għamel xejn mix-xogħol li tqabbad jagħmel, u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem dwar xogħol difettuż jew mhux dak mistenni. Kulma ġara hu li lKorporazzjoni mħarrka qabbdet lil ħaddieħor jagħmel ix-xogħol mitlub minflok l-attur;

"Illi aspett ieħor rilevanti tal-każ hu li għalkemm kemm l-attur u kif ukoll il-kumpannija mħarrka jaqblu u jsemmu li l-kuntratt tal-appalt intemm, ma ntwera mill-ebda parti meta seħħ dan u kif. Lanqas ma ssemma b'effett minn meta. Huwa biss ix-xhud Ray Attard[19] li jidher li ried ifisser li d-deċiżjoni ttieħdet "xi ġimgħat" wara li kien beda investigazzjoni dwar l-ilment imressaq mill-uffiċjal konċernat li l-attur ma kienx resaq għax-xogħol. Jidher ukoll[20] li d-deċiżjoni tat-temm tal-kuntratt ittieħdet fuq livell tal-Bord tad-Diretturi, iżda ma ngħadx b'effett minn meta jew jekk l-attur kienx ġie mgħarraf uffiċjalment. Madankollu huwa fatt li sa Frar tal-2005, l-attur kien jaf li l-kuntratt kien intemm, tant li jsemmi dan il-fatt fis-sitt premessa taċ-Ċitazzjoni tiegħu u fl-ewwel talba attriċi fl-

[16] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et***
[17] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[18] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[19] Xhieda tiegħu 14.3.2006, f'paġġ. 122-5 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Tancred Tabone 11.5.2006, f'paġ. 131 tal-proċess

istess att. Jidher ukoll li fl-2004 stess huwa kien ressaq protest ġudizzjarju kontra l-istess Korporazzjoni mħarrka;

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ il-provi konfliġġenti li ressqu l-partijiet dwar iċ-ċirkostanzi tan-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-attur tax-xogħol ordnat mill-Korporazzjoni;

"Illi l-verżjoni tal-attur[21] hija dik li huwa rċieva telefonata fil-31 ta' Awissu, 2004, mingħand l-Inġinier Spiru Grima biex jibda x-xogħol. Dan kien ġimgħa wara li l-attur kien ikkonferma li kien aċċetta l-"ittra tal-aċċettazzjoni" li tifformalizza r-rabta kuntrattwali mal-Korporazzjoni. L-attur jgħid li, għalkemm ikkonferma li kien lest li jibda x-xogħol, talab li s-sejħa li għamillu Grima tingħatalu bil-miktub. L-attur jgħid li l-ittra – li ġġib id-data tal-1 ta' Settembru, 2004 – twasslitlu bl-idejn l-għada li ċempillu Grima. L-attur qal li mar għax-xogħol fejn intalab fit-2 ta' Settembru, 2004, u dan fiż-żmien ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa li ssemmew f'dik l-ittra. Huwa jgħid li x'ħin tela' bl-inġenji biex jibda jaħdem, inżamm fil-kanċell mill-uffiċjal tas-sigurta' li ma ħalliehx la jniżżel il-gaffa minn fuq it-trakk u lanqas ħallih jidħol fejn kien mistenni li jsir ix-xogħol. Minbarra dan, l-attur jgħid li, minn barra l-kanċell fejn kien, seta' jilmaħ inġenji ta' kuntrattur ieħor. Teddy Tanti, li kien għassa mal-kanċell bħala uffiċjal tas-sigurta' dak inhar li mar l-attur, jikkonferma[22] li ma ħalliex lill-attur jidħol, u kif ukoll li kien diġa' rċieva direttivi mill-uffiċjal tal-Korporazzjoni biex, x'ħin l-attur jasal fuq il-post, jilqgħu milli jidħol u jgħidlu jmur ikellem lill-Inġinier Spiru Grima fl-uffiċċji amministrativi tal-Korporazzjoni. Il-verżjoni tal-attur tinsab konfermata mil-lavrant tiegħu Anġlu Dalli[23];

"Illi l-verżjoni tal-kumpannija mħarrka turi li l-attur kien intalab li jmur jagħmel xi xogħol fil-31 ta' Awissu. Dan ix-xogħol kellu jsir fl-ambjenti tal-Power Station fil-Marsa, u kien xogħol imfisser bħala urġenti[24]. It-talba oriġinali kienet saret lill-attur b'telefonata u l-attur kien qal li dak inhar kien imħabbat b'xogħol ieħor u li kien jista' jibda x-

[21] Affidavit tiegħu 29.4.2006, f'paġġ. 38-9 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu 28.2.2006, f'paġġ. 107-8 tal-proċess
[23] Affidavit tiegħu 29.4.2006, f'paġ. 41 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Spiru Grima 21.11.2005, f'paġ. 83 tal-proċess

xogħol mitlub xi jumejn wara[25]. Minbarra dan, xhud ieħor tal-Korporazzjoni mħarrka jgħid li bejn l-1 u t-2 ta' Settembru, 2004, ma jirriżultax li l-attur resaq 'l hemm[26], u li dan il-fatt jirriżulta minn dokumentazzjoni miżmuma mill-uffiċjali tas-sigurta' li jkunu għassa mal-kanċell[27]. Xhud ieħor[28] jgħid li, meta l-attur fl-aħħar mar fejn il-kanċell tal-post fejn kellu jsir ix-xogħol, kien mar b'karozza bajda u ma kienx ra l-ebda inġenji li bihom suppost li l-attur kellu jagħmel ix-xogħol mitlub;

"Illi l-Qorti tħoss li għandha tirrileva li x-xogħol li kien mitlub jagħmel l-attur kellu jsir fil-Power Station tal-Marsa. Dan joħroġ ċar mill-ittra mibgħuta lilu fl-1 ta' Settembru minn Spiru Grima. Għalhekk, jidher li bosta mill-provi mressqa mill-Korporazzjoni mħarrka biex ifissru għaliex kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ttemm il-kuntratt tal-attur m'humiex ta' min joqgħod fuqhom. Dan għaliex, x'aktarx influwenzati mix-xhieda mogħtija mill-perit inkarigat mix-xogħlijiet in ġenerali Mario Scicluna[29], dawn jirreferu għal xogħol li suppost sar fil-Power Station ta' Dellimara[30]. Daqstant ieħor inattendibbli hija x-xhieda tal-Perit Scicluna[31] meta jgħid li l-kuntratt tal-attur intemm għaliex għalaq iż-żmien miftiehem;

"Illi issa li l-Qorti fliet ix-xhieda, jmiss li jsiru konsiderazzjonijiet dwar jekk kemm-il darba l-Korporazzjoni mħarrka, fid-dawl tal-fatti li jirriżultaw, għamlitx sewwa li temmet il-kuntratt, jew jekk b'dan l-għamil tagħha jagħmilhiex responsabbli li tagħmel tajjeb għall-ħsara li seta' ġarrab l-attur;

"Illi l-ewwel osservazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hi li ż-żewġ partijiet jiddikjaraw li mxew fedelment mal-patti kuntrattwali ta' bejniethom. Jidher li l-qofol tal-kwestjoni kollha jdur mal-fatt jekk huwiex minnu li l-attur mar biex jagħmel ix-xogħol mitlub fiż-żmien utli wara li kien tqabbad

---

[25] *Ibid.*, paġ. 91 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Philip Muscat 8.2.2006, f'paġ. 100 tal-proċess
[27] Dokti "PM1" u "PM2", f'paġġ. 98-9 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Teddy Tanti 28.6.2006, f'paġ. 109 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu 28.2.2006, f'paġġ. 112-3 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Tancred Tabone, f'paġ. 132 tal-proċess
[31] Paġ. 114 tal-proċess

biex jagħmlu. Ħarsa lejn il-klawsola rilevanti[32] turi li l-kuntrattur kellu jagħmel disponibbli t-tagħmir (imsejjaħ "units") sa **mhux aktar tard minn 24 siegħa** minn meta jintalab. Minbarra dan, f'każijiet fejn ix-xogħol ma setax jistenna dewmien u kien urġenti, iż-żmien seta' jkun aqsar. L-attur jgħid li huwa qara sewwa l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li huwa kien aċċetta u allura hu mistenni li kien jaf b'din il-kundizzjoni. Il-linja difensjonali tiegħu hi li huwa ħares dak it-terminu ta' żmien u mar għax-xogħol mitlub fil-ħin. Il-kuntratt ma jsemmix kif issir talba għal xogħol, u ma teskludix li din issir ukoll bil-fomm[33]. Jidher li t-talba ssir bil-miktub biss bħala formalita'[34]. L-ittra mibgħuta lill-attur tirreferi għaż-"żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-ewwel talba". Fil-każ preżenti l-partijiet jaqblu li l-ewwel talba saret fil-31 ta' Awissu, 2004. L-attur jgħid li mar fuq il-lant tax-xogħol fit-2 ta' Settembru. Huwa jinterpreta ż-żmien tal-24 siegħa minn dak inhar li l-ittra twasslet għandu, jiġifieri fl-1 ta' Settembru. Il-Korporazzjoni mħarrka tisħaq li t-terminu kellu jibda jgħaddi min dak inhar li l-attur intalab l-ewwel darba fil-31 ta' Awissu;

"Illi l-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-attur. Fl-ewwel lok, il-kuntratt tal-appalt ma kien jippreskrivi tassativament it-talba għax-xogħol bilmiktub. Fit-tieni lok, kienet saret talba bil-fomm fil-31 ta' Awissu, 2004. Fit-tielet lok, li kieku l-ittra kellha titqies bħala l-ewwel talba li saret lill-attur biex jagħmel ix-xogħol mistenni, ma kienx ikun hemm għalfejn li fl-ittra jissemma li l-24 siegħa kienu jgħaddu mill-ewwel talba, ladarba ma kienx mistenni li kellha tintbagħat ittra oħra biex tikkonferma l-ordni. Il-Qorti tifhem li l-kliem "mill-ewwel talba" f'dik l-ittra jirreferu għas-sejħa telefonika li saret lill-attur mill-inġinier Spiru Grima fl-aħħar jum ta' Awissu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda tal-imsemmi Grima[35] fejn jgħid li qabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel ix-xogħol li ma għamilx l-attur żgur wara li għaddew l-24 siegħa utli u li ma kienx idaħħal lill-Korporazzjoni fi spejjeż żejda li jqabbad nies oħra li kieku mhux għaliex l-attur naqas li jersaq għax-xogħol fiż-żmien mitlub;

---

[32] Klawsola 2.2.7, f'paġ. 13 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Emanuel Faure' 17.4.2005, f'paġ. 61 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Spiru Grima, f'paġ. 84 tal-proċess
[35] Paġġ. 85 u 88 tal-proċess

"Illi dan ifisser li, mqar jekk wieħed jimxi b'mod fiskali mal-attur, in-nuqqas tiegħu li jidher għax-xogħol fl-1 ta' Settembru kien jikkostitwixxi ksur ta' patt kuntrattwali li huwa kien intrabat bih. Jidher ukoll li l-istess Korporazzjoni kienet diġa' ħadet atteġġament li tqis li l-attur kien naqas mir-rabtiet tiegħu lejha, għaliex kienet diġa' tat struzzjonijiet lill-uffiċjal tas-sigurta' għassa mal-kanċell tal-Power Station fil-Marsa li malli l-attur ifiġġ hemmhekk, kellu jinżamm milli jidħol u jmur jitkellem fl-uffiċċji tal-Korporazzjoni;

"Illi t-tieni osservazzjoni hi li mill-kundizzjonijiet miftehma u maqbula bejn il-partijiet joħroġ ċar li l-appalt mogħti lill-attur kien wieħed li jiddependi minn meta l-Korporazzjoni tkun teħtieġ is-servizzi li huwa offra. Ma kienx mistenni li l-attur iħalli l-inġenji li huwa offra għad-dispożizzjoni tal-Korporazzjoni l-ħin kollu u għaż-żmien kollu tal-kuntratt. Kemm hu hekk, jirriżulta li għal żmien wara li l-offerta tiegħu ntlaqgħet, l-attur kien qiegħed jaħdem fuq lantijiet oħrajn ta' xogħol li ma kellhomx x'jaqsmu ma' xogħol tal-Korporazzjoni. Dan ifisser ukoll li l-kuntratt kien wieħed miftuħ u li jiddependi mir-rieda tal-appaltant (il-Korporazzjoni) meta u kif l-appaltatur jissejjaħ għax-xogħol mistenni minnu. Minbarra dan, il-kuntratt kien jaħseb għal sejħat għax-xogħol f'kull post taħt il-kontroll tal-Korporazzjoni mħarrka[36], u dan l-element ukoll juri li dan l-aspett tal-appalt kien jagħti l-kriterji tal-għażla u tas-sejħa fis-setgħat u fid-diskrezzjoni tal-appaltant u mhux tal-kuntrattur;

"Illi t-tielet konsiderazzjoni hija li ladarba l-klawsoli kuntrattwali kienu ċari u ma jħallux lok għal dubju, ma kienx il-każ li wieħed jifhimhom mod differenti mis-sens li l-kliem tagħhom iwassal lil min jaqrahom u kien mistenni li jwettaqhom;

"Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, u minn oħrajn li l-Qorti rat fl-atti tal-kawża imma li m'hemmx għalfejn telabora dwarhom iżjed, joħroġ li kien hemm raġuni tajba

[36] Xhieda ta' Godfrey Camilleri 17.10.2005, f'paġ. 57 tal-proċess

għaliex il-Korporazzjoni mħarrka tagħżel li ttemm il-kuntratt tal-appalt mogħti lill-attur. Dan iġib il-konsegwenza li l-attur kien ikollu jedd biss għall-ħlas tal-ispejjeż minfuqa u tax-xogħol magħmul. Minħabba li l-attur ma laħaq wettaq l-ebda xogħol u aktar u aktar minħabba li ma ressaq l-ebda prova dwar l-ispejjeż li seta' nefaq, m'hemm lok għall-ebda likwidazzjoni favurih;

"Illi f'dan il-każ, lanqas ma hemm lok li wieħed jikkomputa d-danni minnu pretiżi, ladarba dan jista' jsir biss li kieku t-temm tal-appalt ma kienx għal raġuni tajba;"

**L-appell tal-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-6 ta' Novembru, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza u dan billi tilqa' t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-korporazzjoni appellata.

Il-Korporazzjoni Enemalta pprezentat risposta ghall-appell tal-attur fid-9 ta' Novembru 2007 fejn, filwaqt li rrilevat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-attur jigi michud bl-ispejjez.

L-aggravju mressaq mill-attur appellant bazikament jikkoncerna l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ghall-mod kif il-kuntratt moghti lilu gie terminat billi jsostni li huwa ottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-attur jirrileva li huwa kien inghata kuntratt ta' appalt ghall-provista ta' makkinarju konsistenti fi trakkijiet u gaffef intizi ghal xoghlijiet mehtiega mill-Korporazzjoni konvenuta. Skond id-dokument tat-*Tender* li kien issottometta l-attur biex jakkwista dan il-kuntratt u li,

flimkien mal-General Conditions of Contract[37] annessi mal-istess Tender, kellu jifforma l-bazi tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti, jirrizulta fil-klawsola 2.2.7[38] li "*The contractor shall provide any unit* (l-apparat rikjest ghax-xoghlijiet) *requested within a period of not more than 24 hours or as may be agreed with the Engineer. However, in emergency cases or other works of an urgent nature, the contractor may be required to provide the services of any unit within a shorter period of time.*"

Gara li ftit wara li gie konkjuz l-istadju tat-*tender* u l-accettazzjoni tal-offerta tal-attur li sehhet fil-25 ta' Awissu, 2004, l-istess attur, fil-31 ta' Awwissu tal-istess sena, gie mitlub, permezz ta' komunikazzjoni maghmula mill-Inginier Spiru Grima, biex jaghmel xi xoghlijiet konsistenti fi tnehhija ta' materjal fil-Power Station tal-Marsa. L-attur talab li din l-ordni tinghatalu bil-miktub u konsegwentement fl-1 ta' Settembru 2004 huwa rcieva ittra minghand l-istess Spiru Grima, liema ittra ggib l-istess data, fejn jinghad hekk: "*Nirriferi ghall-kuntratt E/E/T/91/2003. Int mitlub toffri servizz ta' gaffa u trakk biex jitnehha materjal mill-Fuel Tank Area tal-Power Station tal-Marsa, kif mitlub bit-telefon illum. Ix-xoghol ghandu jibda erbgha u ghoxrin siegha mill-ewwel talba.*"[39]

Meta l-attur mar ghax-xoghol fit-2 ta' Settembru, 2004 ma thalliex jidhol u huwa nduna li x-xoghol li kellu jaghmel kien qed issir minn terza persuna. Sussegwentement il-kuntratt tal-attur gie terminat mill-Korporazzjoni konvenuta billi din sostniet li l-attur kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni tal-obbligi tieghu skond il-kuntratt, senjatament billi, skond l-istess Korporazzjoni, l-attur ma kienx mar ghax-xoghol fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mit-talba li saritlu bit-telefon. L-attur ma accettax il-posizzjoni mehuda mill-Korporazzjoni u kien ghalhekk li istitwixxa dawn il-proceduri intizi sabiex l-istess Korporazzjoni tigi dikjarata responsabbli ghad-danni bhala rizultat tat-terminazzjoni, da parti taghha, tal-kuntratt minghajr raguni valida.

[37] Ara fol. 20 sa 24 tal-atti.
[38] Ara fol. 13 u 14.
[39] Ara fol. 25

L-ewwel Qorti, wara li ghamlet analizi dettaljata u korretta tal-aspetti guridici naxxenti minn kuntratti simili u l-konsegwenzi f'kaz ta' terminazzjoni ghal gusta kawza jew minghajr gusta kawza, waslet ghall-konkluzzjoni li s-sottomissjoni tal-attur fis-sens li huwa attenda ghax-xoghol, skond il-kuntratt, entro t-terminu ta' erbgha u ghoxrin siegha ma kinitx korretta, u accettat dak li kien qed jigi sottomess mill-Korporazzjoni konvenuta fis-sens li gialadarba l-attur naqas li jmur ghax-xoghol fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn meta gie mitlub telefonikament mill-Inginier Grima, l-attur kien inadempjenti l-obbligi tieghu skond il-kuntratt u konsegwentement it-talbiet tieghu ma setghux jigu akkolti. In sostenn ta' din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti qalet hekk: *"Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-attur. Fl-ewwel lok, il-kuntratt tal-appalt ma kienx jippreskrivi tassattivament it-talba ghax-xoghol bil-miktub. Fit-tieni lok, kienet saret talba bil-fomm fil-31 ta' Awissu, 2004. Fit-tielet lok, li kieku l-ittra kellha titqies bhala l-ewwel talba li saret lill-attur biex jaghmel ix-xoghol mistenni, ma kienx ikun hemm ghalfejn li fl-ittra jissemma li l-24 siegha kienu jghaddu mill-ewwel talba, ladarba ma kienx mistenni li kellha tintbaghat ittra ohra biex tikkonferma l-ordni. Il-Qorti tifhem li l-kliem "mill-ewwel talba" f'dik l-ittra jirreferu ghas-sejha telefonika li saret lill-attur mill-inginier Spiru Grima fl-ahhar jum ta' Awissu.*"

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat ukoll li "*Il-kuntratt ma jsemmix kif issir talba ghax-xoghol, u ma teskludix li din issir ukoll bil-fomm. Jidher li t-talba ssir bil-miktub biss bhala formalita`.*" U hawn l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Emanuel Faure` u ta' Spiru Grima.

Din il-Qorti pero` ma tikkondividix il-hsieb u konkluzjoni tal-ewwel Qorti billi jidher car mill-kuntratt li t-talba biex l-attur jipprovdi l-makkinarju u jaghmel ix-xoghol mehtieg qatt ma kellha ssir bil-fomm. Infatti l-klawsola 2.2.6 tat-*tender document,* li jikkostitwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet hekk kif jigi accettat mill-Korporazzjoni, tghid espressament hekk: "*The contractor shall accept orders*

*for the provision of any unit only in writing, by means of an O.O.F* (li skond l-Klawsola 1 – Defenitions tfisser "Official Order Form"). *All the relevant details shall be indicated on this document and no variations to the actual work performed, work site, and total duration shall be entertained*." Dan ifisser li l-attur ma kienx tenut li jipprovdi l-"units" mertu tal-kuntratt jew li jibda x-xoghol kemm-il darba ma jircevix ordni bil-miktub ghal dan il-ghan. Dak li jigi miftiehem mill-kontraenti u stabbilit *in iscritto* fil-kuntratt ma jistax, salv f'kazi ta' inkonsistenza, jigi mibdul minn parti li tahseb, kif ghamlu Grima u Faure`, li l-ordni bil-miktub ma kinitx mehtiega. Kien ghalhekk pjenament fid-drittijiet tieghu l-attur meta talab li l-ordni tal-Inginier Grima, trazmessa lilu telefonikament, tigi redatta bil-miktub u kien daqstant fid-dritt tieghu l-attur li jibda x-xoghol, kif effettivament ittanta li jaghmel, fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mid-data ta' meta jircievi tali ordni bil-miktub. Konsegwentement il-Korporazzjoni konvenuta kienet skorretta meta temmet l-appalt lill-attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata ser tigi revokata; biss stante li t-talbiet attrici jinneccessitaw komputazzjonijiet matematici u ta' certa komplessita`, din il-Qorti, wara li takkolji l-ewwel talba attrici, mhux ser tghaddi biex tillikwida d-danni dovuti lill-attur, anke b'rispett lejn il-principju tad-*doppio ezame*, u ghalhekk ser tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi akkolt billi qed jigi dikjarat li l-Korporazzjoni konvenuta temmet ingustament u minghajr raguni valida t-*tender* moghti lill-attur, u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi revokata. Din il-Qorti ghalhekk qed tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti biex tikkunsidra l-aspett tad-danni u, f'kaz li jirrizulta li l-attur sofra xi danni minhabba din it-terminazzjoni ngusta tal-kuntratt tal-appalt moghti lilu, tghaddi biex tillikwida l-istess u tordna l-kundanna opportuna. Tordna wkoll li l-ispejjez, kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------